

Il-pittura qabel ir-restawr



Il-pittura restawrata

# Restawr li kixef l-identita ta' l-artist ta' pittura f'Ħal Qormi

Dan l-artiklu huwa traduzzjoni ta' dak li deher f'The Sunday Times tas-27 ta' Mejju 2007, b'xi tibdiliet żgħar

Pittura ta' Filippo Dingli, artist Malti li kien attiv fis-seklu sbatax, dan l-aħħar ġiet skoperta waqt restawr li sar minn Sabine Azzopardi u Roderick Abela, it-tnejn minn Ħal Qormi. Dan il-kwadru li bħala suġġett juri lill-Familja Mqaddsa flimkien ma' Sant'Anna, illum huwa propjeta tal-parroċċa ta' San Bastjan wara donazzjoni li kienet saret xi żmien ilu. Iġib id-data 1666 iżda l-aktar ħaġa importanti hi li huwa wieħed mill-ftit xogħlijiet li nafu bihom ta' Filippo Dingli li aktarx li kien influenza qawwija fl-iżvilupp ta' Stefano Erardi (1630-1716), li huwa aktar magħruf.

Fil-ktieb L-Arti fil-Knejjes minn Mitt Pittur Malti, li ġie ppublikat ftit taż-żmien ilu, Ġużeppi Theuma jgħati lista ta' 14 il-biċċa xogħol li ħarġu minn idejn jew li huma attribwiti lil dan l-artist li ftit li xejn nafu dwaru. Ix-xogħlijiet ta' Dingli jinsabu l-aktar fi knejjes fin-naħat tal-Għargħur, il-Mosta u n-Naxxar.

Waqt ir-restawr ta' dan il-kwadru instab li f'xi żmien iċċekken billi t-tila ġiet milwija dawra mejt għal fuq l-istretcher. Il-qisien tal-kwadru issa reġgħu ġew, bis-saħħa tar-restawraturi, għal dawk oriġinali, jiġifieri 263 cm għoli u 190 cm wiesgħa. Huwa kwadru tabilħaqq kabbari li jagħtik x'tifhem li seta sar għal xi kappella, mhux neċessarjament f'Ħal Qormi. Ma għandniex f'idejna dettalji oħra dwar il-passat tiegħu.

Din il-pittura ta' Dingli, li fuqha qatt ma kien sar xi restawr qabel, turi fuq in-naħa tax-xellug il-Madonna b'Ġesu tifel wieqaf fuq ħoġorha, u b'Sant'Anna li tidher bil-wieqfa warajhom. B'hekk għandna flimkien tliet generazzjonijiet ta' persunaġġi, dik ta' Sant'Anna, dik ta' bintha Marija u dik ta' Ġesu, iben Marija.

In-naħa tal-lemin tal-pittura hija ddominata mill-figura ta' San Ġużepp li jidher bl-għaslug f'idejh waqt li qed jitfa ħarsa ħelwa lejn in-naħa l-oħra, bħala l-missier kustodju ta' Ġesu. Fuq l-isfond tax-xena naraw dettal ta' bini fuq naħa waqt li fuq in-naħa l-oħra hemm paesaġġ fuq stil Taljan b'siġar u dik li tidher li hi kappella tal-kampanja qalbhom. Kappella simili tidher fl-isfond tal-pittura titulari ta' Santa Marija Madalena, xogħol ukoll ta' Dingli, li hemm fil-knisja żgħira ta' dik il-qaddisa ġewwa l-Għargħur.

Fil-kwadri ta' Dingli, li sa fejn naf jien kollha jappartenu għall-ġeneru tas-sagru, jidher biċ-ċar li kien iħobb jinkludi paesaġġi spirati minn dawk ta' minn barra minn Malta. Dan nistgħu narawh per eżempju fil-pittura tal-Madonna ma' Santu Rokku u San Bastjan li hemm fil-knisja ta' Santa Marija fil-Għargħur, u fiż-żewġ kwadri attribwiti lil Dingli li juru rispettivament lill-Madonna tal-Karmnu ma' San Mikiel u Sant'Agata u l-Lunzjata li jinsabu fil-knisja tal-Madonna taż-Żellieqa, fil-Għargħur ukoll. Dan ma jfissirx bil-fors li Dingli siefer biex jieħu dawn l-idejat għall-pittura tiegħu, għax wara kollox huwa seta ġabarhom minn xi inċiżjonijiet jew xi pitturi barranin li ġew f'idejh.

Il-firma u d-data - Philippus Dingli p[inxit] 1666 - kienu l-aktar skoperta importanti fil-proċess tar-restawr. Bil-kemm jidhru billi huma miktuba bl-iswed fuq żona skura taħt id-drappeġġ tal-libsa tal-Madonna. Wieħed jasal għall-konklużżjoni li Dingli xtaq li jirreġistra ismu mingħajr ebda fanfarunati żejda.

Ta' min jgħid hawnhekk li fl-istess sena li fiha sar dan il-kwadru, jiġifieri l-1666, Mattia Preti (1613-1699), dak l-artist kbir barokk li prattikament wettaq revoluzzjoni waħdu f'dik li hi l-pittura f'Malta, lesta l-kapolavur tiegħu fis-saqaf tal-knisja konventwali ta' San Gwann fil-Belt, xogħol li kien bdieh ħames snin qabel. Minn dak li nafu mix-xogħlijiet ta' Filippo Dingli, jidher biċ-ċar li l-influenza ta' Preti bil-kemm għaddiet għand l-artist Malti.

Għalkemm Filippo Dingli, li b'xi mod ġebbed il-prinċipji manjeristiċi - speċjalment bil-kuluri vivaċi tiegħu - għal parti sew mis-seklu sbatax, ma jilħaqx il-livelli miksuba minn artisti oħrajn li ġew warajh f'dak is-seklu, bħal ma huma Stefano Erardi (1630-1716) u Giuseppe d'Arena (1643-1719), anqas u anqas il-grandezza barokka ta' Mattia Preti, nistgħu xorta waħda nikkonsidrawh bħala pijunier li waqqaf ikonografija valida għall-pittura Maltija.

Fost il-kontemporanji ta' Dingli nistgħu nsemmu lil Vincenzo Baiata li nafuh minn biċċa xogħol waħda biss, bis-suġġett tal-Madonna bil-Bambin li fl-imgħoddi kienet fil-kappella f'Tal-Virtu u li llum tinsab fil-Mużew Wignacourt ġewwa r-Rabat, u Valerio Failla (1604-1653), flimkien ma' membri oħra tal-familja Failla.

Sa fejn naf jien, Filippo Dingli qatt ma ġie studjat sew. Billi xi dettalji biografiċi dwaru qatt ma ġew ippublikati huwa baqa' figura pjuttost misterjuża għalkemm it-talenti artistiċi tiegħu li jidhru biċ-ċar fix-xogħlijiet li huma assoċjati miegħu jgħatuna x'nifhmu li huwa kien igawdi minn ċertu fama fi żmienu.

Skond Sabine Azzopardi u Roderick Abela li għamlu r-restawr tal-kwadru, u li meta ltqajt magħhom xi żmien ilu dehru ferm entużjasti għall-iskoperta tagħhom, il-kwadru kien parti minn wirt li kien għadda għall-knisja ta' Ħal Qormi xi sentejn ilu mill-konjugi George u Giorgia Cilia tiegħu lil Dun Walter Cauchi, il-kappillan preżenti ta' San Bastjan.

Għal bosta snin il-pittura kienet mitluqa ġo razzett in-naħa tal-ħandaq ġewwa Ħal Qormi. Skond ma qalli l-Mons. Vincenz Deguara, li għamel żmien kappillan ta' San Bastjan, dak ir-razzett għadu jissejjaħ min-nies ta' Ħal Qormi bħala l-Abatija minħabba li fi żmien imbiegħed seta serva ta' xi forma ta' kunvent, għalkemm din is-suppozizzjoni ma għandha l-ebda bażi storika. Li hu żgur huwa li minħabba s-snin twal li għamlet il-pittura hemmhekk u l-umdita li kien hemm f'dak il-post għamlu ħerba mill-kwadru li tilef il-kuluri u li kellu bosta tiċrit u toqob sakemm ġie salvat permezz tar-restawr.

Xi ħaġa żgħira dwar iż-żewġ restawraturi ta' dan il-kwadru. It-tnejn li huma iggradwaw miċ-Ċentru tar-Restawr f'Ta' Bighi. S'issa kienu nvoluti f'diversi proġetti ta' restawr. Sabine Azzopardi, li twieldet il-Germanja iżda miżżewġa Malti, irrestawrat, fost oħrajn, pittura ovali ta' Kristu Salvatur, xogħol ta' Tommaso Madiona (1803-1864), li hemm fl-Mużew tas-Santwarju ta' Ħaż-Żabbar, kif ukoll skultura ta' Kurċifiss li jinsab fis-sagristija tal-parroċċa kolleġġjata ta' San Pawl ġewwa r-Rabat.

Min-naħa tiegħu Roderick Abela dan l-aħħar kien involut, flimkien ma' membri oħra






ta' ReCoop, koperativa ta' restawr u konservazzjoni, fir-restawr ta' żewġ kwadri importanti, wieħed ta' Sebastiano Conca, l-ieħor li ħareġ mill-bottega ta' Mattia Preti, li jinsabu fil-Konservatorju ta' San Ġużepp ġewwa Bormla.

Possibilment din il-pittura f'Ħal Qormi li r-restawr tagħha beda f'Ġunju tas-sena l-oħra, kienet l-aktar biċċa xogħol iebsa u impenjattiva li ż-żewġ restawraturi kellhom s'issa. Permezz tagħha huma wrew it-taħriġ professjonali li ħadu waqt l-istudji tagħhom.

Dan kollu deher ċar meta l-kwadru inkixef mill-ġdid meta ċ-ċentru parrokkjali ta' San Bastjan ġie inawgurat nhar il-ħadd 27 ta' Mejju waqt okkażżjoni li ġiet preseduta minn Monsinjur Arċisqof Pawl Cremona. M'hemmx dubju li permezz ta' dan ix-xogħol awtentiku u rari ta' Filippo Dingli il-patrimonju ta' Ħal Qormi ġie mġedded. Minbarra x-xogħol ta' tindif u restawr ġenerali li servew sabiex isalvaw din il-pittura għall-ġenerazzjonijiet futuri, il-kxif ta' l-identita ta' l-artist li ħadimha tatna ħjiel ġdid dwar parti mill-istorja artistika ta' pajjiżna.

Emmanuel Fiorentino



**Amanda Camilleri**
home service make-up artist

weddings | first holy communions
holy confirmations | special occasions

m. **9988 6497**